# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 373/2022 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MV**

**Vs**

**VV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MV datat 13 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponent MV u l-intimata VV izzewgu fil-knisja tas-Salib Imqaddes, fil-Furjana, nhar il-5 ta' Ottubru 1986, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru 1818/1986 (Dok. A).*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li jisimhom CV li ghandha X sena, JV li ghandu Y sena u TV li ghandu Z sena.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn Awissu 2015 u sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar Dottor Joseph Debono tal-25 ta' Awissu 2015 (Dok. B).*

*Illi l-esponent u martu VV huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur.*

*Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (klawsola 3).*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 1818/1996;*

*(2) tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma deherx u ma ntavolat ebda risposta. Ghalhekk hija kontumaci;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-fakolta akkordata lill-intimata sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 28)

Rat illi l-intimata baqa' indadempjenti;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 (Vide Fol 25) fejn iddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci jew sottomissjonijiet x'jaghmel.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide fol 26) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 t'Ottubru 1986 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 25 t'Awwissu 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi rrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx, ma ntavolat ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 t'Ottubru 1986, liema zwieg jgib certifikat numru 1818/1986 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom tlett wlied illum kollha maggiorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar il-25 t'Awwissu 2015 (vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi

l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment kontra xulxin.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti taghraf illi ma jidhirx li hemm eccezzjoni li ghandha tqanqal ex officio in vista tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1818/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**